# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

### Seduta ta' nhar il-Hamis disgha (9) ta' Gunju 2016

**Rikors Numru 361/12 FDP**

**Supreme Travel Limited**
**(C-16048)**

**vs**

**Malta Pass Limited**
**(C-51707)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-26 ta' Ottubru 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' hamest elef, hames mija u disgha u tmenin Euro (€5,589) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' trasport rezi lill-klijenti tas-socjeta intimata.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta konvenuta li hija ingunta in subizzjoni .

Rat l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata fejn ecceipiet illi l-azzjoni odjerna kienet intempestiva peress illi s-socjeta intimata kienet ghadha ma rcevietx tax invoice filwaqt illi, fuq il-meritu, sahqet illi hija kellh ataghti lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' tlett elef, sebgha mija u tnejnu sittin Euro (€3,762) u mhux dik mitluba mis-socjeta rikorrenti.

Rat l-affidavit ta' **Dr Barry Calvert** ippresentat fid 29 ta' April 2013 u d-dokumentazzjoni maghha esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Monica Calvert** moghtija fil 5 ta' Lulju 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Pierre Mangani** moghtija fil 25 ta' Ottubru 2013 u rat id-dokumentazzjoni esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Sarah Abela** moghtija fil 25 ta' Ottubru 2013 u rat id-dokumentazzjoni esebita.

Semghet il-kontro ezami ta' Dr Barry Calvert moghtija fit 13 ta' Jannar 2014.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Monica Calvert illi saret fl-10 ta' Novembru 2014 u fis 16 ta' April 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Rat illi fit 8 ta' Ottubru 2015 il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet kienu qed jippruvaw jittransigu l-kaz.

Rat illi fit-3 ta' Gunju 2016, fil-presenza ta' Dr Barry Calvert, giet ippresentata u moqrija nota ta' ammissjoni tas-socjeta intimata ghat-talbiet attrici.

**Ghaldaqstant** il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ intimata u rappresentant ta' l-istess socjeta intimata jammetti ghat-talbiet kif mitluba mis-socjeta rikorrenti, issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qieghda **tilqa’** t-talba attrici w **tikkundanna** lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ hamest elef, hames mija u disgha u tmenin Euro (€5,589) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' trasport rezi lill-klijenti tas-socjeta intimata.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta konvenuta li hija ingunta in subizzjoni .

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**